VERŻJONI ELETTRONIKA

A.L. 209 tal-2012

ATT DWAR IL-KUNSILL MALTI GĦALL-IŻVILUPP EKONOMIKU U SOĊJALI (KAP. 431)

Regolamenti tal-2012 dwar l-Att dwar il-Kunsill Malti għall-Iżvilupp Ekonomiku u Soċjali (Kumitat Reġjonali Għawdex)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 15 tal-Att dwar il-Kunsill Malti għall-Iżvilupp Ekonomiku u Soċjali, il-Prim Ministru għamel ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2012 dwar l-Att dwar il-Kunsill Malti għall-Iżvilupp Ekonomiku u Soċjali (Kumitat Reġjonali Għawdex).

Tifsir.

2. F'dawn ir-regolamenti, sakemm ir-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra –

Kap. 431

"Att" tfisser l-Att dwar il-Kunsill Malti għall-Iżvilupp Ekonomiku u Soċjali;

"Kumitat" tfisser il-Kumitat Reġjonali Għawdex stabbilit skont id-dispożizzjonijiet tal-Att;

"Kunsill" tfisser il-Kunsill Malti għall-Iżvilupp Ekonomiku u Soċjali stabbilit skont l-Att;

Kap. 492

"iskritta" tfisser iskrizzjoni mal-Kummissarju għal Organizzazzjonijiet Volontarji skont l-Att dwar l-Organizzazzjonijiet Volontarji liema iskrizzjoni tkun fis-seħħ għal aktar minn sena qabel xi sejħa għal nominazzjonijiet kif imfisser fir-regolament 4.

Għamla tal-Kumitat.

3. Il-Kumitat stabbilit skont id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 6A tal-Att ikun magħmul mill-membri li ġejjin:

(a) żewġ persuni nominati mill-Kamra tan-Negozju għal Għawdex;

(b) żewġ persuni nominati mill-Assoċjazzjoni tat-Turiżmu Għawdxija;

(ċ) tliet persuni nominati mill-Kumitat Reġjonali tar-Reġjun Għawdex biex jirrappreżentaw il-Kunsilli Lokali ta' Għawdex;

(d) persuna waħda nominata mis-sezzjoni ta' Għawdex tal-General Workers Union;

(e) persuna waħda nominata mis-sezzjoni ta' Għawdex tal-Konfederazzjoni tat-Trade Unions Maltin;

(f) persuna waħda nominata mis-sezzjoni ta' Għawdex tal-Union Ħaddiema Magħqudin;

(g) persuna waħda nominata mis-sezzjoni ta' Għawdex tal-GRTU, Malta Chamber of Small and Medium Enterprises;

(h) persuna waħda nominata mid-Djoċesi ta' Għawdex;

(i) persuna waħda nominata mill-Ministru għal Għawdex;

(j) persuna waħda nominata mill-Grupp Universitarji Għawdxin; u

(k) tliet persuni nominati mill-Assoċjazzjoni Għawdxija għall-Għaqdied mhux Governattivi.

Nominazzjonijiet u elezzjonijiet.

4. (1) Iċ-*Chairperson* tal-Kunsill u s-Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill għandhom, permezz ta' avviż bil-miktub, jistiednu l-organizzazzjonijiet identifikati fir-regolament 3 biex jinnominaw bil-miktub persuni biex jirrappreżentaw dawk l-organizzazzjonijiet fil-Kumitat. Dawk l-istediniet jistgħu jintbagħtu individwalment jew permezz ta' publikazzjoni f'żewġ gazzetti, li waħda minnhom tkun bl-ilsien Malti u l-oħra bl-ilsien Ingliż.

(2) Għal kull waħda mill-persuni nominati skont ir-regolament 3, għandu jkun hemm membru sostitut li għandu jirrappreżenta l-istess organizzazzjoni u li jkollu d-dritt jattendi għal-laqgħat fl-assenza tal-membru nominat.

(3) L-organizzazzjonijiet imsemmija fir-regolament 3(a) sa (j) għandhom jinnominaw ir-rappreżentanti tagħhom u s-sostituti tagħhom permezz ta' avviż bil-miktub liċ-*Chairperson* tal-Kunsill, u s-Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill u l-Assoċjazzjoni Għawdxija għall-Għaqdied mhux Governattivi għandhom jimxu skont il-proċedura stabbilita fis-subregolament (4).

(4) Fil-każ tal-Assoċjazzjoni Għawdxija għall-Għaqdied mhux Governattivi:

(a) it-tliet persuni li għandhom jiġu nominati biex

jirrappreżentaw l-Assoċjazzjoni fil-Kumitat u s-sostituti tagħhom għandhom ikunu nominati mill-membri reġistrati tal-Assoċjazzjoni li huma iskritti:

Iżda kull organizzazzjoni iskritta li tkun diġà rappreżentata fil-Kumitat permezz ta' sħubija f'xi organizzazzjoni msemmija fir-regolament 3(a) sa (j) għandha, għal din ir-raġuni, tkun eskluża milli tinnomina rappreżentanti u sostituti tal-Assoċjazzjoni fil-Kumitat u milli tivvota dwar din il-kwistjoni;

(b) dawk il-membri li huma eliġibbli skont il-paragrafu (a), jistgħu jindikaw l-interess tagħhom li jipparteċipaw fin-nominazzjoni u fl-elezzjoni ta' rappreżentanti u sostituti tal-Assoċjazzjoni fil-Kumitat f'kull żmien permezz ta' avviż bil-miktub lill-Assoċjazzjoni Għawdxija għall-Għaqdied mhux Governattivi. Il-membri għandhom jiddikjaraw f'dan l-avviż li mhumiex diġà rappreżentati fil-Kumitat permezz ta' sħubija f'xi organizzazzjoni msemmija fir-regolament 3(a) sa (j) u l-Assoċjazzjoni Għawdxija għall-Għaqdied mhux Governattivi għandha toqgħod fuq din id-dikjarazzjoni magħmula mill-membri mingħajr ebda investigazzjoni oħra;

(ċ) dawn il-membri għandhom jagħtu dettalji sħaħ dwar isimhom, l-indirizz sħiħ tal-uffiċċju reġistrat tagħhom u l-indirizz fejn jirċievu l-posta u n-numru tagħhom ta' identifikazzjoni VO;

(d) l-Assoċjazzjoni Għawdxija għall-Għaqdied mhux Governattivi għandha tgħarraf bil-miktub li tkun irċeviet l-avviż;

(e) l-Assoċjazzjoni Għawdxija għall-Għaqdied mhux Governattivi għandha tivverifika mal-Kummissarju għal Organizzazzjonijiet Volontarji li membru hu iskritt u jista' jissottometti nominazzjonijiet għall-finijiet ta' dawn ir-regolamenti;

(f) l-Assoċjazzjoni Għawdxija għall-Għaqdied mhux Governattivi għandha żżomm reġistru ta' membri eliġibbli għall-finijiet ta' dawn ir-regolamenti;

(g) ir-reġistru għandu jkun disponibbli għall-pubbliku fuq is-sit tal-web tal-Assoċjazzjoni Għawdxija għall-Għaqdied mhux Governattivi;

(h) wara li tirċievi l-avviż imsemmi fis-subregolament

(1), l-Assoċjazzjoni Għawdxija għall-Għaqdied mhux Governattivi għandha tistieden lill-membri inklużi fir-reġistru biex jinnominaw bil-miktub rappreżentanti u sostituti biex jirrappreżentaw lill-Assoċjazzjoni Għawdxija għall-Għaqdied mhux Governattivi fil-Kumitat;

(i) meta l-Assoċjazzjoni Għawdxija għall-Għaqdied mhux Governattivi tinnomina sitt persuni, tlieta bħala rappreżentanti u tlieta bħala sostituti, liema persuni għandhom jiġu msemmija skont hekk, allura dawk il-persuni għandhom jiġu aċċettati mill-Assoċjazzjoni bħala li ġew nominati validament għal dawk il-karigi fuq il-Kumitat; u

(j) jekk jiġu nominati aktar minn tliet persuni bħala rappreżentanti u, jew jiġu nominati aktar minn tliet persuni bħala sostituti, jew ma jkunx hemm ftehim dwar min għandu jokkupa l-kariga ta' rappreżentant u min għandu jokkupa dik ta' sostitut, l-Assoċjazzjoni Għawdxija għall-Għaqdied mhux Governattivi għandha torganizza elezzjonijiet interni fost il-membri tagħha inklużi fir-reġistru, u t-tliet persuni li jiksbu l-ogħla għadd ta' voti validi mitfugħin għandhom jirrappreżentaw lill-Assoċjazzjoni Għawdxija għall-Għaqdied mhux Governattivi fil-Kumitat, u t-tliet persuni li jiksbu l-ogħla għadd ta' voti validi mitfugħin, wara l-ewwel tlieta, għandhom ikunu is-sostituti.

(5) Fil-każ ta' riżenja jew irtirar ta' xi rappreżentant, is-sostitut għandu jokkupa l-kariga tar-rappreżentant li jkun irreżenja jew irtira għall-perjodu ta' żmien li jkun fadal fil-kariga ta' dak ir-rappreżentant, u l-organizzazzjoni għandha tinnomina persuna oħra biex tokkupa l-kariga ta' sostitut ukoll għall-istess perjodu. Fil-każ fejn tkun saret elezzjoni oriġinarjament, il-persuna li tkun kisbet l-ogħla għadd ta' voti validi mitfugħin li jmiss għandha tkun is-sostitut għal dak il-perjodu wkoll.

(6) Fil-każ ta' riżenja jew irtirar ta' xi sostitut, l-organizzazzjoni għandha tinnomina persuna oħra biex tokkupa l-kariga ta' sostitut għall-perjodu ta' żmien li jkun fadal fil-kariga ta' dak is-sostitut. Fil-każ fejn tkun saret elezzjoni oriġinarjament, il-persuna li tkun kisbet l-ogħla għadd ta' voti validi mitfugħin li jmiss għandha tkun is-sostitut għal dak il-perjodu wkoll.

Membri tal-Kumitat.

5. (1) Il-persuni nominati jew eletti biex jirrappreżentaw kull organizzazzjoni skont dawn ir-regolamenti għandhom jiġu maħtura bħala membri tal-Kumitat mill-Prim Ministru, wara li jirċievi l-parir mogħti skont l-artikolu 6A(2) tal-Att, permezz ta' Avviż maħruġ mill-Prim Ministru u ppubblikat fil-Gazzetta, liema

Avviż jelenka l-imsemmija membri tal-Kumitat, u jidentifika kemm ir-rappreżentanti kif ukoll is-sostituti.

(2) Il-ħatriet isiru għal perjodu ta' sentejn li għandu jibda fid-data tal-Avviż.

Chairperson tal-Kumitat.

6. Iċ-*Chairperson* tal-Kumitat għandu jiġi elett mill-membri tal-Kumitat minn fosthom b'maġġoranza sempliċi, għal perjodu ta' sentejn. L-elezzjoni għandha ssir fl-ewwel laqgħa tal-Kumitat.

Proċedura.

7. Il-Kumitat ikollu s-setgħa jirregola l-proċedura tiegħu stess b'mod konsistenti mal-Att u kull regolament magħmul taħtu u regoli ta' ordni aċċettati b'mod ġenerali.

Laqgħat.

8. (1) Il-Kumitat għandu jiltaqa' għallinqas darba fix-xahar f'dak il-ħin u f'dik id-data kif jista' jiġi deċiż u notifikat lill-membri għal dak il-għan miċ-*Chairperson* tal-Kumitat. Il-ħin u d-data li fihom isiru l-laqgħat għandhom jiġu notifikati wkoll liċ-*Chairperson* tal-Kunsill fl-istess ġurnata meta jiġu notifikati lill-membri tal-Kumitat. Iċ-*Chairperson* tal-Kunsill jista' jattendi għall-laqgħat tal-Kumitat bħala osservatur.

(2) Il-laqgħat tal-Kumitat għandhom jinżammu f'post magħżul miċ-*Chairperson* tal-Kunsill.

Quorum.

9. Il-*quorum* għal laqgħa jkun għadd ta' membri li jirrappreżentaw ħamsin fil-mija u wieħed tal-membri kollha tal-Kumitat. Jekk fi żmien nofs siegħa mill-ħin appuntat għal-laqgħa ma jkunx hemm *quorum*, il-laqgħa tiġi aġġornata għal dik il-ġurnata, ħin u post oħra kif iċ-*Chairperson* tal-Kumitat jista' jindika minn qabel fl-avviż li jsejjaħ l-laqgħa aġġornata, u liema laqgħa aġġornata ma għandhiex tinżamm aktar minn sebat ijiem wara d-data tal-laqgħa oriġinali. Jekk fil-laqgħa aġġornata ma jkunx hemm *quorum* fi żmien nofs siegħa mill-ħin appuntat għal-laqgħa, il-membri preżenti għal dik il-laqgħa għandhom jikkostitwixxu *quorum*.

Segretarju Eżekuttiv.

10. (1) Is-Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill ikun is-Segretarju Eżekuttiv tal-Kumitat. Il-funzjonijiet tas-Segretarju Eżekuttiv huma li:

(a) iżomm il-minuti tal-laqgħat tal-Kumitat; u

(b) iżomm *record* tal-membri preżenti għal-laqgħa, il-membri li jkunu assenti u l-membri li jkunu skużati.

(2) Is-Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill jista' jinnomina xi persuna oħra mill-impjegati tal-Kunsill biex jattendu l-laqgħat tal-Kumitat fl-assenza tiegħu u biex jaqdu l-funzjonijiet kollha ta'

VERŻJONI ELETTRONIKA

Segretarju Eżekuttiv tal-Kumitat.

Minuti.

11. Il-minuti tal-proċeduri ta' kull laqgħa għandhom jinżammu mis-Segretarju Eżekuttiv tal-Kumitat u għandhom jinqraw u jiġu approvati fil-bidu tal-laqgħa ta' wara. Il-minuti approvati għandhom ikunu aċċessibbli f'kull ħin għall-membri tal-Kumitat. Jekk ikun hekk mitlub, is-Segretarju Eżekuttiv tal-Kumitat għandu jara li dawk il-minuti approvati jkunu disponibbli għall-membri tal-Kunsill.

Segretarjat.

12. Il-Kunsill għandu jipprovdi s-Segretarjat tal-Kumitat.